



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.9.2016
COM(2016) 562 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati li l-Kummissjoni ngħatat skont ir-Regolament (UE) Nru 70/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2012 dwar prospetti tal-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati li l-Kummissjoni ngħatat skont ir-Regolament (UE) Nru 70/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2012 dwar prospetti tal-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq

1. IL-KUNTEST

L-Artikolu 3(4) tar-Regolament (UE) Nru 70/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2012 dwar prospetti tal-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati skont l-Artikolu 8 dwar l-aġġornar tal-Parti I tal-Anness I, unikament biex jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi, ħliet għal kwalunkwe modifika għan-natura fakultattiva tal-informazzjoni meħtieġa. Barra minn hekk, l-istess Artikolu jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta wkoll, meta jkun hemm bżonn, atti delegati skont l-Artikolu 8 dwar l-adattazzjoni tal-Anness II sa VII. Skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament, is-setgħa li tadotta atti delegati tingħata għal perjodu ta' ħames snin mit-23 ta' Frar 2012. Din is-setgħa għandha tiġi estiża taċitament għal perjodi ta' ħames snin, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joggèzzjonawx għal dan.

Meta tkun qed teżerċita din is-setgħa, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-atti delegati ma jimponux piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri u fuq dawk li jwieġbu.

Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar is-setgħat delegati sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin.

Dan ir-rapport jissodisfa dan l-obbligu.

2. L-EŻERĊIZZJU TAS-SETGĦAT DELEGATI SKONT IR-REGOLAMENT (UE) NRU 70/2012 MIN-NAĦA TAL-KUMMISSJONI

Il-Kummissjoni għadha ma eżerċitatx is-setgħa li tadotta atti delegati li ngħatatilha permezz tar-Regolament (UE) Nru 70/2012, peress li la l-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi fil-qasam tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u lanqas il-konklużjonijiet tal-gruppi ta' hídma tagħha dwar l-istatistika tat-trasport tal-merkanzija bit-triq mal-Istati Membri ma wasslu għall-ħtieġa li tuża dawn is-setgħat delegati.

3. KONKLUŻJONIJIET

Il-Kummissjoni għadha ma eżerċitatx is-setgħa li tadotta atti delegati li ngħatatilha permezz tar-Regolament (UE) Nru 70/2012.

Il-Kummissjoni taħdem qatigħ biex ittejjeb il-kwalità u l-puntwalità tal-ġbir tad-dejta, biex tadatta l-informazzjoni miġbura u mqassma għall-ħtiġijiet il-ġodda tal-utenti u biex tqis l-iżviluppi tekniċi u ekonomiċi li jsiru f'dan il-qasam.

Dawn l-aspetti kollha jiġu diskussi fil-gruppi ta' esperti nazzjonali waqt diskussjonijiet li jsiru kull sentejn u jiġu approvati mill-Grupp ta' Koordinazzjoni għall-Istatistika dwar it-Trasport (is-CGST).

Barra minn hekk, is-Sistema Ewropea tal-Istatistika se tkompli tiżviluppa u tipproduċi l-istatistika li hija meħtieġa: (i) biex jiġi vvalutat il-progress li jkun sar fl-ilħiq tal-miri kwantitattivi stabbiliti fil-White Paper dwar it-Trasport għall-volum u għall-prestazzjoni tal-mezzi kollha tat-trasport; u (ii) għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Ewropea marbutin mal-ħolqien ta' mudelli għall-qasam tat-trasport u għat-tnedija ta' inizjattivi ġodda tal-politika bħad-dekarbonizzazzjoni tal-qasam tat-trasport.

Kull darba li tittieħed deċiżjoni dwar xi bidla teknika f'xi Anness u jintlaħaq qbil dwarha mal-grupp ta' esperti, is-setgħat delegati li l-Kummissjoni ngħatat permezz tar-Regolament (UE) Nru 70/2012 se jintużaw biex din il-bidla tiġi ġestita b'mod effiċjenti u fil-ħin.

Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni hija tal-fehma li għandha tkompli żżomm is-setgħat delegati li ngħatawliha permezz tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament (UE) Nru 70/2012, peress li jista' jkun li jkollha bżonn teżerċita dawn is-setgħat delegati fil-ġejjieni.